# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 2 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 373/01**

**Numru 43**

**Garden of Eden Limited**

**vs**

**Carmel u Georgina sive Jane konjugi Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm450) rapprezentanti prezz ta' erbgha "side-windows" ta' coach tat-tip Chabbour mibjugha u konsenjati lill-konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-31 ta' Ottubru 2000, u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-27 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm450.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-31 ta' Ottubru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg